MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 808/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa]**

**vs**

**Keith Attard Portughes**

**Kumpilazzjoni Numru 808/2009**

**Illum 27 ta'Lulju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Attard Portughes ta' 28 sena, iben John u Carmen nee' Vella, imwieled Pieta' fs-7 ta' Frar 1981 u joqghod fil-fond Kest, Triq il-Gizimin, Swieqi u detentur ta' l-karta tal-identita numru 100281M.

Akkuzat talli f’ April 2009 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. b’ mezz ta’ rigali, weghdiet, jew b’ xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi hsara tal-Gvern ta’ Malta.

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezz ta’ rigali, weghdiet, jew b’ xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom kkorrompew lil ufficjali jew impjegati pubblici, u rrenda ruhu komplici ma l-istess ufficjali jew impjegati pubblici, filli fil-kapacita’ taghhom bhala ufficjali pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd.

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igiegħel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor:

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-

hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:

1. 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 18, 120 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 18, 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
4. 17, 18, 23B, 31, 42, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa direttur tas-socjeta I.V.N. Holdings Limited; din is-socjeta hija registrata mad-Dipartimenttat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1].

Illi jirrizulta li din is-socjeta kellha tiehu refund sostanzjali minghand id-Dipartimentu pero kien hemm dewmien biex jigi effettwat il-hlas ta' dan ir-refund. L-imputat sar jaf lil certu Salvu Micallef peress li dan Micallef kien qed jaghmel xi negozju mas-socjeta I.V.N.Holdings Limited. Waqt xi konverzazzjoni li kellu ma' Micallef l-imputat semma' li kien qed jistenna xi refunds mid-dipartiment;

[1] Minn hawn aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.

meta sema' hekk Micallef offra l-ghajnuna tieghu biex johorgu r-refunds u l-imputat accetta l-ghajnuna li seta' joffri Micallef. L-imputat jghid li ghalkemm hu u Micallef regghu ltaqghu diversi drabi qatt ma rega' sar diskors fuq dawn ir-refunds. Ghadda z-zmien u l-imputat irceva r-refund dovuta; wara ftit granet Micallef mar ghand l-imputat, saqsa jekk kienx irceva r-refund, u meta l-imputat qallu li kien ircevihom il-flus, Micallef pretenda hames mitt Euro (€500). L-imputat jghid li ghalkemm ma rax ghalfejn kellu jhallas xi flus lil Micallef, minhabba r-relazzjoni ta' negozju li kien hemm bejnithom hass li ma setghax jirrifjuta u tah cheque ghall-ammont mitlub.

Illi jirrizulta li r-refund li rceva l-imputat kien realment dovut u li l-imputat  talab l-intevent ta' Micallef biex jithaffef il-process ta' hlas.

Illi ghandu jigi rilevat li tressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri certu Carmelo Deguara li kien impjegat fid-Dipartiment. Huwa qal li ghalkemm kien hemm okkazzjoni fejn Salvu Micallef kien kellmu biex ihaffef xi refund pero dan kien ta' xi hadd Camilleri. L-istess xhud qal li ma jaf xejn dwar xi refund dovut lill-imputat jew lil I.V.N.Holdings Limited.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tlieta: komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta; komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku; u li wieghed, ta jew offra vantagg mhux xieraq li xi persuna li tasserixxi li tista' taghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi dik il-persuna.

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni

aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni hija dik ta' truffa. X'inhuma l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa jew ta' frodi innominata huwa ormai pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[2].

Illi fi kliem l-awtur Francesco Antolisei

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*1. un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*2. la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
3. *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[3]

Illi huwa car mill-provi akkwiziti f'dan il-process li ma tirrizulta l-ebda wahda minn dawn l-elementi. Ma sar xejn li seta' jgib xi telf patrimonjali lid-Dipartiment tal-VAT ghaliex ir-refunds kienu realment dovuta u ma gie ezercietat l-ebda tip ta' ingann li seta' jinduci zbal kapaci li jwassal lid-Dipartiment biex jaghti xi haga li ma kellux

---

[2] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[3] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

jaghti. Din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi anke dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' korruzzjoni huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna. Biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcievit jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[4].

Illi anke f'dan ir-rigward ma jistax jinghad li l-elementi hawn fuq elenkati jirrizultaw mil-provi prodotti.

Illi huwa ammess li l-imputat accetta li Salvu Micallef jghinu biex igib ir-refunds u huwa ammess ukoll li wara li hargu r-refunds Salvu Micallef pretenda hlas ta' hames mitt Euro (€500). Pero x'ghamel Salvu Micallef (jekk ghamel xi haga), u jekk involviex xi ufficjal pubbliku, biex johorgu dawn ir-refunds ma jirrizultax mill-provi prodotti. Li hu zhur hu li Carmel Deguara (li kien impjegat fid-dipartiment) innega li Salvu Micallef kien kellmu dwar l-imputat jew is-socjeta li huwa jirraprezenta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova li f'din il-kwistjoni kien involut xi impjegat jew ufficjal pubbliku din it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

[4] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik hekk imsejha *trading in influence*.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[5]

[5] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006 u anke Pulizija vs Gino Zammit Appell Kriminali deciz 17.09.2008.

Illi ghandu jigi rilevat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali m’hemmx indikat liema miz-zewg reati ipotezzati f’din id-dispozizzjoni tal-Ligi qed jigi addebietat lill-imputat, pero fic-citazzjoni hemm kwotat ir-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami dak li kellu jigi ppruvat huwa li l-imputat, A, wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C. Ai termini tad-dispozizzjoni in ezami C irid ikun jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f’l-artikoli 112 sa’ 120 tal-Kapitolu 9.

Illi il-prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat hallas flus lil Salvu Micallef biex dan jezercita influwenza fuq Carmel Deguara li dak iz-zmien kien impjegat fid-dipartiment. Pero kif diga ntqal Carmel Deguara innega li Salvu Micallef qatt kellmu fuq l-imputat; in oltre dak li seta’ qal Salvu Micallef lill-ufficjal prosekutur meta hu kien qed jigi investigat mhuwiex ammissibli bhala prova fil-proceduri odjerni.

Illi ghalhekk anke din it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------